



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15627/23

ECOFIN 1205
UEM 366
SOC 798
EMPL 572
COMPET 1133
ENV 1326
EDUC 449
RECH 513
ENER 626
JAI 1509
GENDER 204
ANTIDISCRIM 190
JEUN 265
SAN 677

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 901 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI Stħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2024

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 901 final.

Mehmuż: COM(2023) 901 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 21.11.2023
COM(2023) 901 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT**

Stħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2024

Ninvestu fil-futur kompetittiv tal-UE:

Stħarriġ Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2024

1. Introduzzjoni

Wara rkupru qawwi fl-2022, l-attività ekonomika fl-UE naqset minħabba inflazzjoni għolja u kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti. Reazzjoni politika rapida, deċiżiva u kkoordinata ppermettiet lill-ekonomija tirkupra u tindirizza l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UE rnexxielha tinnaviga l-kriżi tal-enerġija li rriżultat, u naqqset id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi mingħajr il-ħtieġa ta' razzjonament tal-gass u rnexxiela tevita reċessjoni. Għalkemm l-ekonomija majnat fl-2023 u r-riskji u l-inċertezzi huma għoljin, inkluż minħabba s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, qatt ma kien hemm daqshekk nies jaħdmu fl-UE, u l-qgħad laħaq livell baxx storiku, għalkemm b'varjazzjoni madwar l-Istati Membri u r-reġjuni. Filwaqt li għad fadal sfidi strutturali, il-kisbiet reċenti juru li l-Ewropa taħdem l-aħjar meta taħdem flimkien.

Kif enfasizzat fid-dikjarazzjoni ta' Granada, l-UE hija impenjata li ssaħħaħ il-kompetittività tagħha fit-tul u tibni bażi ekonomika reżiljenti billi tindirizza l-isfidi strutturali tagħha. Avvenimenti ġeopolitiċi ta' tfixkil urew il-ħtieġa li l-UE tkompli ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u tibqa' kompetittiva f'suq globali, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla lura. L-UE se tkompli ssegwi l-politika kummerċjali miftuħa u ġusta tagħha, tinvesti fi sħubijiet u tiddefendi ruħha kontra Prattiki Inġusti, pereżempju miċ-Ċina. L-UE teħtieġ ktajjen tal-provvista reżiljenti u diversifikati biex issaħħaħ is-sigurtà ekonomika, partikolarment fil-materja prima kritika, il-komponenti teknoloġiċi, u t-tagħmir. Biex ikompli jissaħħaħ il-vantaġġ kompetittiv tal-UE, huwa kruċjali li jiġi żgurat l-iżvilupp tal-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il-ġestjoni tal-bidla demografika, filwaqt li jiżiedu l-investimenti u titrawwem l-innovazzjoni. Is-sett ta' għodod tad-demografija tal-Kummissjoni jappoġġa lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw politiki li jindirizzaw l-isfidi f'soċjetà li qed tixjieħ. L-aħjar użu mis-suq uniku, speċjalment għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (small and medium-sized enterprises, SMEs) u l-iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex jiġu appoġġati l-investimenti privati, huma daqstant ieħor kruċjali.

L-UE qed titbiegħed mill-fjuwils fossili. Abbażi tal-impenji taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Ewropa qed timbotta biex tiddekarbonizza l-industrija, l-enerġija, il-bini u t-trasport u aċċellerat b'mod sinifikanti t-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa. Il-ħolqien ta' industrija b'saħħitha ta' teknoloġija nadifa u l-użu tagħha, inkluż bl-implimentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni dwar Pjan Industrijali ta' Green Deal (Green Deal Industrial Plan, GDIP)¹, se jappoġġa l-kompetittività. Proċeduri ta' permessi aktar mgħaġġla kif introdotti fid-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli u regolament ta' emerġenza dwar il-permessi se jagħmlu l-enerġija rinnovabbli aktar abbondanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ressqet proposta biex ittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-UE u l-protezzjoni tiegħu mill-manipulazzjoni tas-suq, kif ukoll tagħti spinta lill-investment ġdid fl-enerġija.

¹ COM (2023) 62 final.

L-istrumenti ta' finanzjament tal-UE qed jagħtu spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il-ħiliet u l-impjiegi biex isaħħu l-kompetittività tal-UE fil-livell nazzjonali u reġjonali. L-implimentazzjoni kontinwa tal-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF), inkluż l-introduzzjoni ta' kapitoli ddedikati REPowerEU fil-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza (recovery and resilience plans, RRP) tal-Istati Membri, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (Technical Support Instrument, TSI), u l-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, għad għandhom rwol ċentrali fit-tiswir ta' aġendi ta' riforma u ta' investiment fl-Istati Membri kollha. Il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (Strategic Technologies for Europe Platform, STEP) proposta se tiżgura aktar sinerġiji fost l-istrumenti eżistenti tal-UE, inkluż il-programm InvestEU, għall-użu rapidu ta' teknoloġiji kritiċi. S'issa, l-RRF għamlet pagamenti ta' 'l fuq minn EUR 175 biljun, aktar minn EUR 210 biljun ġew żborżati taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, u EUR 13,44 biljun f'garanziji tal-UE u 119-il operazzjoni ġew approvati fil-qafas ta' InvestEU. Orizzont Ewropa mmobilizza 'l fuq minn EUR 24 biljun fix-xjenza u l-innovazzjoni. B'mod parallel, il-Kummissjoni vvalutat b'mod pożittiv l-aġendi ta' investiment u riforma taħt REPowerEU li jammontaw għal EUR 54 biljun. Biex tkompli tiżgura l-finanzjament u tottimizza r-riżorsi għall-prijoritajiet politiċi tal-UE, ir-reviżjoni mmirata tal-qafas finanzjarju multiannwali tal-UE jeħtieġ li tiġi adottata malajr.

Iċ-ċiklu tal-2024 tas-Semestru Ewropew se jqis l-implimentazzjoni li għaddejja tal-RRPs u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, u jesplora kif dawn jikkumplementaw lil xulxin f'termini ta' finanzjament u riżultati ta' politika. L-enfasi se tkun b'mod partikolari fuq il-komplementarjetajiet bejn l-RRF u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li juru kif ir-riformi qed jaġixxu bħala faċilitaturi ewlenin għall-investimenti f'livelli differenti. Se tipprovdi wkoll orjentazzjonijiet fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Din se tkun opportunità biex jiġu vvalutati l-programmi u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-isfidi emerġenti fl-Istati Membri tal-UE u fir-reġjuni tagħhom.

Ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika jenħtieġ li jiġi konkluż malajr. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qed jaħdmu fuq il-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tar-regoli fiskali tal-UE, ippreżentati fis-26 ta' April 2023. Il-qafas riformat se joħloq ċarezza u prevedibbiltà għall-politika fiskali futura, filwaqt li jippromwovi s-sostenibbiltà tad-dejn u t-tkabbir ekonomiku fl-istess ħin. Ladarba l-qafas fiskali riformat ikun ġie adottat, l-Istati Membri se jibdew iħejju l-ewwel pjanijiet fiskali-strutturali tagħhom fuq terminu medju, li jiddeskrivu l-politiki fiskali, strutturali u ta' investiment għall-4 sa 5 snin li ġejjin. Il-Kummissjoni tappella lill-koleġislaturi biex jaqblu malajr dwar qafas riformat.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli ta' din is-sena jenfasizza l-aġenda tal-politika soċjoekonomika tal-UE, filwaqt li jqis il-pajsaġġ makroekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jevolvi. Il-gwida ssegwi approċċ strutturat ibbażat fuq l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva, allinjat mal-ħidma tal-UE biex isir progress kontinwu lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-Komunikazzjoni tiddekrivi wkoll l-aspetti ewlenin taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024.

2. L-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva

2.1 Stabbiltà makroekonomika

L-ekonomija tal-UE għadha reżiljenti minkejja majnar. Fl-2022, l-attività ekonomika kienet għadha qed tirkupra, u l-PDG żdied bi 3,4 % minħabba inflazzjoni li qed tiżdied. Matul l-2023, l-inflazzjoni, li għadha għolja iżda li qed tonqos gradwalment, u l-issikkar tal-politika monetarja rriżultaw fi tkabbir aktar dgħajfef. Min-naħa l-oħra, l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol qed ikomplu jkunu inkoraġġanti, bil-qgħad jibqa' qrib il-livelli baxxi storiċi. It-tbassir tal-ħarifa jipprevedi li l-ekonomija tal-UE tikber b'0,6 % modest fl-2023, imbagħad tirkupra b'1,3 % fl-2024 u b'1,7 % fl-2025. L-inflazzjoni mistennija tkompli tonqos, u tilħaq 2,4 % fl-2025 fl-UE. Dan, flimkien ma' pagi ogħla u suq tax-xogħol li għadu b'saħħtu, se jikkontribwixxi għal irkupru gradwali tal-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi.

Ir-riskji relatati ma' dejn għoli u diverġenzi fil-prezzijiet jibqgħu rilevanti. Filwaqt li l-ambjent inflazzjonarju ffaċilita tnaqqis tad-dejn aktar mgħaġġel minn djun għoljin, il-kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar stretti jistgħu jirriżultaw f'tensjonijiet akbar marbuta ma' dejn għoli, kemm fis-settur privat kif ukoll dak pubbliku. Dan jaffettwa b'mod partikolari lill-Istati Membri fejn is-servizz tad-dejn jeħtieġ trasferimenti kbar tad-dejn, jew fejn is-settur privat jiffaċċja żidiet qawwija fil-ħlasijiet tal-imgħax. Barra minn hekk, differenzi kontinwi fil-prezzijiet u żidiet fil-kostijiet bejn il-pajjiżi jżidu l-prospett ta' telf fil-kompetittività fl-Istati Membri bl-aktar żidiet qawwija fil-prezzijiet. Dan jgħalq riskju partikolari fost il-pajjiżi taż-żona tal-euro peress li l-allinjament mill-ġdid tal-kostijiet u l-prezzijiet domestiċi permezz ta' bidliet fir-rata tal-kambju nominali mhijiex għażla². Ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija fih l-analiżi tal-Kummissjoni tal-evoluzzjoni tal-iżbilanċi u r-riskji emergenti³. Fir-rebbiegħa li jmiss, se jitħejjew rieżamijiet fil-fond għal 12-il Stat Membru. Għal Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Iżvezja wara r-rieżamijiet fil-fond se jsegwu l-iżbilanċi jew l-iżbilanċi eċċessivi identifikati din ir-rebbiegħa, filwaqt li għas-Slovakkja l-analiżi fil-fond se tivvaluta r-riskju ta' żbilanċi emerġenti ġodda.

Bil-klawżola liberatorja ġenerali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li tiskadi fi tmiem l-2023, il-politika fiskali jeħtieġ li tappoġġa l-politika monetarja fit-tnaqqis tal-inflazzjoni u fis-salvagwardja tas-sostenibbiltà fiskali, filwaqt li tipprovdi biżżejjed spazju għal investimenti addizzjonali u tappoġġa t-tkabbir fit-tul⁴. Il-koordinazzjoni tal-politika fiskali hija essenzjali biex tgħin lill-politika monetarja treġġa fil-ħin l-inflazzjoni għall-mira tagħha għal żmien medju. Il-gvernijiet jenħtieġ li jadottaw politiki fiskali kkoordinati u prudenti biex iżommu d-dejn f'livelli prudenti jew ipoġġu l-proporzjonijiet tad-dejn fuq triq plawżibbli 'l isfel. Jenħtieġ li jwaqqfu l-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija relatati mal-kriżi kemm jista' jkun malajr u jużaw l-iffrankar li jirriżulta biex inaqqsu d-defiċits. Filwaqt li jibqgħu flessibbli fid-dawl tal-inċertezza għolja, il-kisba ta' pożizzjoni fiskali restrittiva, kif mistenni fl-2023 u l-2024, se tikkontribwixxi għar-restawr tal-buffers fiskali maż-żmien u b'hekk għat-titjib tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku f'xi Stati Membri. Minbarra l-ħtieġa li tinżamm strateġija fiskali prudenti, l-investiment pubbliku jeħtieġ li jinżamm u, fejn meħtieġ jiżdied, biex jappoġġa t-tkabbir fit-tul u t-tranżizzjoni ekoloġika. Għal dak il-għan, il-gvernijiet jenħtieġ li jsostnu livell għoli ta' investiment pubbliku biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, isaħħu l-produttività u r-reżiljenza. Dan se jeħtieġ titjib fil-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll tan-nefqa, pereżempju billi tiġi

² COM (2023) 903 u SWD (2023) 903

³ COM (2023) 902 u SWD (2023) 902

⁴ COM (2023) 900.

ottimizzata t-taħlita tat-taxxa. Se jkun kruċjali wkoll li titħaffef l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza, inkluż il-kapitoli REPowerEU tagħhom, u jsir użu sħiħ mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni.

Miżuri ta' emerġenza fiskali meħuda biex jirrispondu għax-xokk tal-prezzijiet tal-enerġija jenħtieġ li jitwaqqfu kemm jista' jkun malajr. Appoġġ fiskali fit-tul mhux immirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti mhuwiex l-għodda korretta fis-sitwazzjoni attwali, peress li jżid il-prezzjonijiet inflazzjonarji u jikkontribwixxi għal politika monetarja stretta fit-tul. Dan jillimita wkoll l-ispazju fiskali għall-infiq produttiv, pereżempju fuq investimenti ekoloġiċi u diġitali. L-appoġġ lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli jenħtieġ li jiġi pprovdut b'mod immirat permezz ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u xbieki ta' sikurezza soċjali stabbiliti. Jekk ikunu meħtieġa miżuri ta' appoġġ, dawn jenħtieġ li jkunu ffukati fuq il-protezzjoni ta' unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli u jippreservaw inċentivi biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

Kif imħabbar fil-gwida tal-politika fiskali għall-2024⁵, il-Kummissjoni se tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ Proċeduri ta' Defiċit Eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

2.2 Sostenibilità ambjentali

L-azzjonijiet meħuda mill-UE u l-Istati Membri tagħha għeni biex il-prezzijiet tal-enerġija jqarrbu lejn il-livelli ta' qabel il-kriżi, filwaqt li l-investimenti f'sorsi ta' enerġija nadifa jgħinu biex jistabbilizzaw il-provvista futura. Il-prezzijiet tal-gass naturali naqsu b'madwar 84 % meta mqabbla mal-livelli rekord-għoli tas-sena l-oħra iżda għadhom 78 % 'l fuq mil-livelli ta' qabel il-kriżi u l-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa naqsu wkoll (b'-78 % meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet). Madankollu, il-prezzijiet tal-enerġija fl-UE jibqgħu għoljin bħala medja meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-kriżi u l-bqija tad-dinja. Filwaqt li l-UE żiedet ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tagħha, il-kundizzjonijiet tas-suq għadhom soġġetti għal inċertezza, inkluż minħabba l-kriżi fil-Lvant Nofsani. Minn Frar 2022, l-UE temmet l-importazzjonijiet kollha tal-faħam Russu, naqqset l-importazzjonijiet taż-żejt Russu b'madwar 90 % u l-importazzjonijiet totali tal-gass Russu b'madwar żewġ terzi u se tkompli dawn l-isforzi fil-futur. Il-livelli tal-ħażna tal-gass naturali huma fl-ogħla livelli rekord qabel iż-żmien, ta' 100 % f'Novembru 2023. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas tal-UE dwar it-tnaqqis tad-domanda mill-Istati Membri saħħet it-tnejja tal-UE għal din ix-xitwa, u l-għodda għall-aggregazzjoni tad-domanda AggregateEU qed tagħti riżultati konkreti. Minħabba l-kundizzjonijiet imtejba fis-swieq tal-enerġija kif ukoll il-ħtieġa li jiġu adottati politiki fiskali prudenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jeliminaw malajr is-sussidji fuq il-fjuwils fossili. Jenħtieġ li dawn jirrikorru biss għal miżuri mmirati ta' appoġġ għall-enerġija jekk ikun hemm aktar żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u jiffaċilitaw l-introduzzjoni rapida u l-introduzzjoni gradwali ta' alternattivi affordabbli għall-enerġija nadifa għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji permezz ta' riformi u investimenti xierqa.

L-Istati Membri qed jiffokaw l-isforzi tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-kapitoli REPowerEU tal-RRPs, ikkumplementati minn fondi tal-politika ta' koeżjoni. S'issa, 23 Stat Membru ppreżentaw il-kapitoli REPowerEU tagħhom, li jammontaw għal pakkett ta' EUR 54 biljun. Il-miżuri ta' REPowerEU jinkludu r-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri ta' permessi biex titħaffef it-

⁵ COM(2023) 141 final.

tnedija ta' enerġiji rinnovabbli u faċilitajiet ta' ħażna, iż-żieda fil-miżuri ta' effiċjenza enerġetika biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur f'materja prima u teknoloġiji kritiċi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika. L-appoġġ tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u s-sistemi ta' enerġija intelliġenti skont l-oġġettiv tal-politika Ewropa Ekoloġika għandu wkoll rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' diversi azzjonijiet ewlenin taħt l-inizjattiva REPowerEU. Il-finanzjament tal-UE għal dawn l-azzjonijiet mill-oġġettivi ta' politika kollha u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Fund, JTF) jammonta għal EUR 47 biljun. Id-disponibbiltà ta' dawn l-istrumenti ta' finanzjament differenti tfisser li oġġettivi komuni jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effettiv, pereżempju permezz tal-kombinazzjoni ta' riformi RRF/REPowerEU dwar il-permessi u l-konnessjoni ta' aktar enerġiji rinnovabbli mal-grilja permezz ta' investimenti fil-livell nazzjonali u reġjonali.

Il-pjanijiet nazzjonali aġġornati dwar l-enerġija u l-klima (national energy and climate plans, NECPs) jeħtieġ li jiġu żviluppati bis-sħiħ u implimentati malajr. L-NECPs aġġornati tal-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw politiki aktar ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija f'konformità mal-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2030. Huma mistennija li jqisu bis-sħiħ l-aħħar rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (country-specific recommendations, CSRs), ippubblikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, jirriflettu l-miżuri tal-enerġija u l-klima fl-RRPs tagħhom, u jesploraw sinerġiji ma' strumenti oħra ta' ppjanar taħt il-politika ta' koeżjoni tal-UE. Il-Kummissjoni se toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Istati Membri għall-abbozzi tal-NECPs tagħhom f'Diċembru 2023 u tistenna li dawn jitqiesu bis-sħiħ fl-NECPs finali, li għandhom isiru sa Ġunju 2024. L-NECPs se jgħinu biex jikkonsolidaw l-ippjanar strateġiku, jimmobilizzaw l-investiment pubbliku u privat⁶ kif ukoll isaħħu ċ-ċertezza tal-investitur biex iwettaq il-miri tal-klima u l-enerġija tal-2030 tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990. Dan jenħtieġ li jiġi kkombinat ma' sforzi biex jitreġġa' lura t-telf ta' riżorsi naturali, jiġu żviluppati prattiki agrikoli sostenibbli, jiġu ppreservati s-servizzi tal-ekosistema u jkun hemm adattament aħjar u aktar rapidu għal klima aktar avversa, b'mod partikolari fil-qasam tar-reżiljenza tal-ilma. Sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà baġitarja u jiġu evitati xokkijiet finanzjarji fil-futur, hemm ħtieġa dejjem akbar li l-Istati Membri jikkunsidraw u jippreparaw għall-impatt fiskali ta' avvenimenti eċċessivi tat-temp u perikli klimatiċi oħra fl-ippjanar baġitarju tagħhom fuq terminu medju.

It-tisħiħ tal-industrija tal-UE b'emissjonijiet żero netti huwa essenzjali biex jiġu pprovduti t-teknoloġiji u l-komponenti meħtieġa biex jitwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex l-industrija tal-Ewropa tibqa' kompetittiva. Il-kompetittività futura tal-industrija tal-UE b'emissjonijiet żero netti se tiġi ddeterminata minn provvista stabbli ta' enerġija affordabbli u dejjem aktar nadifa, id-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u finanzjament privat u pubbliku adegwat. Id-disponibbiltà ta' materja prima affordabbli, il-ftuħ kontinwu tal-kummerċ, u ambjent tan-negożju ta' appoġġ huma wkoll essenzjali. Filwaqt li jibnu fuq is-saħħiet tas-suq uniku, il-GDIP u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għandhom l-għan li jipprovdu ambjent li jkun aktar ta' appoġġ għat-ktabbir tal-kapaċità tal-manifattura tal-UE għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Il-proposta STEP se tagħti spinta lill-kapaċità ta' investiment tal-UE biex tappoġġa din l-espansjoni,

⁶ B'mod ġenerali, se jkunu meħtieġa investimenti addizzjonali ta' aktar minn EUR 620 biljun fis-sena biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku u tar-REPowerEU kif ukoll investimenti ta' EUR 92 biljun sal-2030 biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-att dwar l-industrija b'emissjonijiet żero netti.

akkumpanjata minn żvilupp xieraq tal-ħiliet, filwaqt li tgħin biex jiġu ssalvagwardjati l-koeżjoni u s-Suq Uniku. Il-ħtiġijiet totali ta' investiment fil-ktajjen tal-provvista tal-UE għal ħames teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti (riħ, solari, batteriji, pompi tas-sħana u elettrolizzaturi) jammontaw għal EUR 92 biljun sal-2030. F'dan ir-rigward, il-Pakkett Ewropew dwar l-Enerġija mir-Riħ se jappoġġa kumpaniji fis-settur tar-riħ u jtejjeb il-kompetittività tagħhom. B'mod aktar ġenerali, l-involvement mal-partijiet interessati industrijali, inkluż djalogi ta' tranżizzjoni nadifa, se jgħin lill-industrija tal-UE biex tibni l-mudell kummerċjali tagħha għat-trasformazzjoni ekoloġika. Ir-riċerka u l-innovazzjoni se jkollhom rwol kruċjali f'din it-trasformazzjoni u se jeħtieġu qafas ta' politika favur l-innovazzjoni. Biex twettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-industrija tal-UE teħtieġ ukoll issaħħaħ it-tranżizzjoni tal-ekonomija ċirkolari tagħha, b'mod partikolari fl-irkupru u s-sostituzzjoni ta' materja prima kritika u l-użu ta' materja prima sekondarja biex timmassimizza ż-żamma tal-valur. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħteġ li jiffukaw fuq it-tneħħija ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, fejn il-qliġ baġitarju potenzjali huwa stmat sa EUR 300 biljun fis-sena⁷. Barra minn hekk, it-tranżizzjoni klimatika tal-industrija tal-UE se tkun meġġuna mill-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, li se jgħin biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi ma' produttori mhux tal-UE u tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

2.3 Produttività

Filwaqt li l-produttività hija l-mutur ewlieni tal-kompetittività, it-tkabbir medju tal-produttività fl-UE staġna matul l-aħħar għaxar snin. Il-produttività tax-xogħol għal kull siegħa maħduma żdiedet b'6 % biss mill-2015. Ir-rapport il-ġdid dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività li se jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni f'Jannar 2024 se jservi bħala l-bażi għal ċiklu ta' governanza annwali u għal diskussjoni dwar is-suq uniku u l-kompetittività u l-produttività fit-tul, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew. Trasformazzjoni diġitali li b'mod ġenerali mhux uniformi u li timxi bil-mod u nuqqas ta' ħiliet f'diversi setturi jirrappreżentaw diffikultajiet kbar għat-tkabbir tal-produttività. Hemm bżonn ta' azzjoni politika deċiżiva biex jiġi appoġġat il-finanzjament privat tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' inċentivi tat-taxxa mfassla tajjeb, sħubijiet pubbliċi-privati u kundizzjonijiet aħjar għan-negozji ġodda u l-kumpaniji li qed jespandu bħal permezz tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, stabbilit skont il-Programm Orizzont Ewropa. Iż-żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni fin-negozji u fis-settur pubbliku hija partikolarment importanti biex tissaħħaħ il-produttività f'reġjuni li esperjenzaw tkabbir kajman f'dawn l-aħħar snin. Filwaqt li aktar żgħażaġh fl-UE jtemmu l-edukazzjoni terzjarja, iż-żieda fl-għadd ta' gradwati STEM, l-indirizzar tad-disparitajiet bejn il-ġeneri u t-titjib tar-rilevanza għas-suq tax-xogħol jistgħu jkomplu jsaħħu l-produttività.

It-tisħiħ tal-produttività jiddependi fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet qafas, l-approfondiment tas-suq uniku u r-rispett għall-istat tad-dritt. In-negozji tal-UE llum huma mgħobbija b'ostakli amministrattivi li jxekklu l-kapaċità tagħhom li jinvestu bejn il-fruntieri u jlestu b'mod effettiv it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Huma meħtieġa sforzi konġunti biex jiġu infurzati r-regoli eżistenti, jitneħħew id-diffikultajiet, u jiġu esplorati oqsma għal aktar integrazzjoni⁸. Il-Kummissjoni ressqet l-ewwel proposti leġiżlattivi biex jitnaqqsu l-obbligi ta' rappurtar fil-livell Ewropew b'25 %, mingħajr ma jiġu mminati l-oġġettivi ta' politika tal-inizjattivi kkonċernati. L-Istati Membri, inkluż l-

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, 2022, Sett ta' għodod għar-riforma ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent fl-Ewropa.

⁸ Komunikazzjoni, It-30 Sena mis-Suq Uniku, COM (2023) 162 final.

awtoritajiet reġjonali u lokali, għandhom ukoll iżidu l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam biex jikkorrispondu għall-livell ta' ambizzjoni. Iż-żieda fil-produttività teħtieġ inċentivi qawwija permezz tas-sistema tat-taxxa u l-benefiċċji u edukazzjoni u taħriġ effettivi biex tiżdied il-provvista tax-xogħol u d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol flessibbli u bil-ħiliet. Is-swieq kapitali tal-UE profondi u integrati huma kruċjali għall-kompetittività globali tal-UE, bħala mezz biex jinkiseb l-investiment privat fl-ekonomija tal-UE, inkluż għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Jinħtieġu wkoll aktar sforzi biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tal-innovazzjoni u jitnaqqsu l-ostakli u d-diffikultajiet fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi. Ir-rispett għall-istat tad-dritt, b'mod partikolari s-sistemi ġudizzjarji indipendenti, ta' kwalità u effiċjenti, iċ-ċertezza legali u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi huma wkoll determinanti ewlenin ta' ambjent tan-negozju li jrawwem l-investiment u l-innovazzjoni.

It-trawwim ta' ambjent tan-negozju ġust u favorevoli għall-SMEs huwa kruċjali għat-tisħiħ tas-suq uniku. Il-pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs jinkludi proposta biex jiġu miġġielda l-pagamenti tard. Għandu l-għan li jwassal għal ġustizzja fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, itejjeb il-likwidità u r-reżiljenza tal-SMEs u jagħti spinta lill-kompetittività tan-negozji tal-UE. Il-pakkett jinkludi wkoll proposti biex jinħatar rappreżentant iddedikat għall-SMEs u proposta biex tiġi introdotta t-Tassazzjoni tal-Uffiċċju Prinċipali (Head Office Taxation, HOT) biex jiġi ssimplifikat il-qafas tat-tassazzjoni għall-SMEs li joperaw bejn il-fruntieri. In-Negozju fl-Ewropa: Il-qafas għall-proposta dwar it-Tassazzjoni fuq l-Introjt se jiffaċilita kemm in-negozji kif ukoll l-awtoritajiet tat-taxxa billi jintroduċi sett uniku ta' regoli biex tiġi ddeterminata l-bażi għat-taxxa ta' gruppi ta' kumpaniji li joperaw f'aktar minn pajjiż wieħed. It-tieqa għall-SMEs tal-programm InvestEU tgħin ukoll lill-SMEs jadattaw għal Prattiki kummerċjali sostenibbli u tiffinanzja negozji ġodda li jiżviluppaw teknoloġiji ġodda ta' sostenibbiltà. L-appoġġ għall-SMEs huwa mistenni li jilħaq aktar minn EUR 200 biljun sal-2027 taħt il-programmi ta' finanzjament tal-UE⁹.

It-triq tat-tkabbir tal-UE tiddependi ħafna fuq l-adozzjoni tad-diġitalizzazzjoni. Filwaqt li t-teknoloġiji diġitali joffru vantaġġi kompetittivi, servizzi mtejbja u swieq estiżi għal ditti kbar, il-livell ta' diġitalizzazzjoni tal-SMEs għadu irregolari fl-Istati Membri u s-setturi kollha. Ħafna SMEs tradizzjonali m'għandhomx ir-riżorsi u l-ħiliet biex jibbenefikaw bis-sħiħ mid-diġitalizzazzjoni, u dan jenfasizza l-ħtieġa għall-progress f'dan il-qasam. Is-sħubija tal-ħiliet diġitali fuq skala kbira għandha l-għan li tgħin biex jintlaḥqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE li 80 % tan-nies jiġu mġhammra b'ħiliet diġitali bażiċi, tinkiseb konverġenza bejn il-ġeneri, u li jkun hemm 20 miljun speċjalista tal-ICT impjegati sal-2030. Il-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-Deċennju Diġitali se jistabbilixxu l-miżuri konkreti li kull Stat Membru beħsiebu jieħu biex jindirizza n-nuqqasijiet, f'konformità mas-sejbiet tal-ewwel rapport dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali. Diversi żviluppi regolatorji, inkluż il-qafas għall-IA, l-Att dwar id-Data, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, se jsaħħu l-potenzjal tal-Ewropa li tikkompeti fil-livell globali. Il-proposta tal-UE għal qafas legali dwar l-IA, hija l-ewwel qafas komprensiv tat-tip tiegħu; filwaqt li għandha l-għan li ttaffi r-riskji b'mod proporzjonat, ttiprovdi ċ-ċertezza legali li hija meħtieġa biex tiġi introdotta IA affidabbli fuq skala Ewropea.

It-tnaqqis tad-differenzi fil-produttività fl-UE jeħtieġ fokus ukoll fuq dawk ir-reġjuni fejn il-produttività staġnat u li jistgħu jibbenefikaw minn kumplimentarjetajiet bejn l-RRF u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni fil-livell reġjonali. Id-disparitajiet fl-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-

⁹ Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs, il-paġna 12, in-nota 61 f'qiegħ il-paġna: Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs (europa.eu).

kura tas-saħħa, ir-riċerka, l-innovazzjoni, il-mobilità u l-infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja huma aċċentwati aktar fiż-żoni rurali u ultraperiferiċi. Dan jintwera wkoll f'żoni urbani li għandhom kompetittività ogħla u livelli ogħla ta' kapital uman¹⁰. Pereżempju, inqas minn 25 % tal-popolazzjoni ta' bejn il-25 u l-64 sena fir-reġjuni rurali tal-UE rċeviet edukazzjoni postsekondarja, meta mqabbla ma' 44 % fl-ibliet¹¹. Is-sinerġiji bejn l-RRF u l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni huma essenzjali biex jingħata appoġġ fil-livell reġjonali.

2.4 Ġustizzja

Is-suq tax-xogħol tal-UE qed ikompli jaħdem b'mod qawwi b'mod ġenerali minkejja tkabbir ekonomiku aktar bil-mod, anki jekk id-disparitajiet reġjonali jippersistu, b'xi gruppi tal-popolazzjoni jibbenefikaw inqas. Ir-rata ta' impjeg laħqet livell rekord ta' 75,4 % fil-Q2-2023, filwaqt li r-rata tal-qgħad niżlet għal 6,0 %, li hija l-inqas rata li qatt ġiet irreġistrata għall-UE. Filwaqt li xi Stati Membri għamlu progress sinifikanti, oħrajn irreġistraw rati ta' qgħad li għadhom ogħla minn 11 %¹². Fl-istess ħin, ir-riżultati tas-suq tax-xogħol juru disparitajiet reġjonali notevoli fi ħdan l-Istati Membri.

Il-livelli għoljin ta' nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet huma ostaklu kbir għat-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u l-kompetittività u jeħtieġu azzjoni mmirata. F'dan is-suq tax-xogħol strett, aktar minn żewġ terzi tal-impjegaturi ma jistgħux isibu t-talent li jeħtieġu¹³. In-nuqqasijiet huma komuni fil-kura tas-saħħa, STEM (partikolarment fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni), f'xogħolijiet b'rabtiet ekoloġiċi u ċerti okkupazzjonijiet tas-servizz. It-talenti tan-nisa, iż-żgħażaġh u l-anzjani, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni b'diżabilità u gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati oħra huma meħtieġa ħafna fis-suq tax-xogħol¹⁴. Aktar minn 20 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol hija inattiva, inkluż 8 miljun żaġġuħ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ. Jenħtieġ li jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza¹⁵.

L-azzjonijiet ta' politika fil-livelli xierqa jenħtieġ li jkunu mmirati lejn iż-żieda fil-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol biex jittejbu l-impjegi u l-eżiti soċjali. Dawn jinkludu politiki attivi msaħħa tas-suq tax-xogħol, aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli, kif ukoll sistemi ta' kura fit-tul, tat-taxxa u tal-benefiċċji li jappoġġaw ix-xogħol (inkluż billi t-tassazzjoni tinbidel minn fuq ix-xogħol għal objettivi ambjentali u klimatiċi), kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u possibbiltajiet għal migrazzjoni legali ġestita¹⁶, filwaqt li jiġu żgurati d-drittijiet tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali. Iż-żieda fl-użu tal-ġestjoni algoritmika u tal-IA fuq il-post tax-xogħol tista' tgħin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet iżda teħtieġ viġilanza. It-tisħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità u inklużivi jibqa' prijorità ewlenija, kif ukoll sforzi aktar

¹⁰ EU Regional Competitiveness Index 2.0 – 2022 edition; https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/work/rci_2022/eu-rci2_0-2022_en.pdf

¹¹ Eurostat, EDAT_LFS_9913.

¹² ES u EL irreġistraw rati ta' qgħad ta' >11 % f'Q2-2023, u ES, EL, IT, RO u SE rreġistraw rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh ta' >20 % (b'SK, HR, u PT f'it taħt il-limitu). Sors: Eurostat.

¹³ European Commission (2023), Employment and Social Developments in Europe.

¹⁴ Pereżempju, ir-rata ta' impjeg tan-nisa kienet ta' 70,3 % fi Q2-2023, 5,1 punti perċentwali taħt il-medja tal-forza tax-xogħol. Ir-responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa jżommu aktar minn 7 miljun mara fl-UE milli jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.

¹⁵ [L-istrateġiji tal-Unjoni tal-Ugwaljanza](#) jippromwovu l-ugwaljanza u l-inklużjoni tan-nisa u tal-gruppi żvantaġġati, bħall-persuni b'diżabbiltà u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, ta' minoranza razzjali jew etnika, inklużi r-Rom.

¹⁶ B'mod partikolari permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, imnedija fil-15 ta' Novembru 2023 bħala parti mill-[pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u t-Talent](#).

Minkejja żidiet notevoli fil-pagi fl-UE fl-2022 u fil-bidu tal-2023, dawn baqgħu taħt ir-rati għoljin ta' inflazzjoni u rriżultaw f'kapaċità tal-akkwist imnaqqsa, li affettwaw l-aktar lil dawb b'introjt baxx. Il-pagi reali fl-UE naqsu b'3,7 % fl-2022, u dan żied ir-riskju ta' faqar fost dawb li jahdmu¹⁸. Fil-ġejjieni, l-iżviluppi fil-pagi se jkollhom isibu bilanċ bejn l-irkupru tal-kapaċità tal-akkwist mitlufa tal-ħaddiema, l-evitar ta' effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni u s-salvagwardja tal-kompetittività tal-UE. Djalogu soċjali b'saħħtu u negozjar kollettiv effettiv huma importanti aktar minn qatt qabel biex jinkisbu eżiti bbilanċjati tal-iffissar tal-pagi.

Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, flimkien mal-RRPs nazzjonali, jappoġġaw lill-Istati Membri fil-progress lejn il-miri nazzjonali tagħhom tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar. Bl-Istati Membri jinkludu riformi u investimenti sinifikanti fis-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali fl-RRPs tagħhom, EUR 140 biljun (madwar 28 %) tal-kostijiet stmati tal-RRPs jikkontribwixxu għall-politiki soċjali, inklużi madwar EUR 73 biljun għall-edukazzjoni u l-hiliet²⁰ u madwar EUR 43 biljun għall-kura tas-saħħa. Fil-qafas tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), EUR 109 biljun huma investiti wkoll fil-qasam tal-politika soċjali. Is-sinerġiji bejn l-RRF u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma viżibbli b'mod ċar. Pereżempju, diversi Stati Membri introduċew riformi fl-RRPs tagħhom li joħolqu intitolamenti legali għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (childhood education and care, ECEC). Fl-istess ħin, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni (speċjalment l-FSE+ u l-FEŻR), f'xi każijiet megħjuna mill-investimenti tal-RRP, jintużaw b'mod partikolari biex jiġu żviluppati servizzi tal-ECEC u jinbnew kindergartens b'rispons għaż-żieda fid-domanda. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni spiss jibnu fuq riformi mibdiya taħt l-RRPs u diġà jiffinanzjaw xi wħud mill-ħtiġijiet. Dawn jistgħu jimmiraw ukoll lejn ħtiġijiet reġjonali partikolari jew gruppi speċifiċi tal-

²⁰ *Data* mis-6 ta' Novembru 2023, ibbażata fuq il-metodoloġija tal-ittaggjar tal-pilastru għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF. Id-*data* dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet tikkorrispondu għall-miżuri allokatu għall-qasam ta' politika "Edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal", "Edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u għolja", "Tagħlim għall-adulti", "Kapital uman fid-diġitalizzazzjoni" jew "Ħiliet u impjigi ekoloġiċi" bħala qasam ta' politika primarju jew sekondarju.

popolazzjoni bħar-Rom (eż. billi jkun hemm investimenti fil-livell reġjonali fl-educazzjoni inklużiva jew finanzjamenti tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol).

L-implimentazzjoni kontinwa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tibqa' prijarità politika biex tiġi promossa l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE. Biex tipprovdni analiżi aktar sistematika tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fl-Istati Membri, il-proposta tal-Kummissjoni għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024²¹ tinkludi fokus aktar b'saħħtu fuq il-pajjiż fil-forma ta' analiżi pajjiż b'pajjiż, ibbażata fuq il-prinċipji ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali²².

3. L-UE tiffinanzja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

Il-finanzjament tal-UE wera li huwa għodda essenzjali għall-finanzjament tal-azzjonijiet meħtieġa biex titrawwem is-sostenibbiltà kompetittiva fil-livell nazzjonali u reġjonali. L-użu effettiv u flessibbli ta' strumenti eżistenti taħt il-baġit tal-UE, notevolment il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, u l-introduzzjoni ta' strumenti ġodda, b'mod partikolari l-RRF u l-kapitoli REPowerEU tagħha, jippermettu lill-UE tindirizza l-isfidi ekonomiċi u soċjali ewlenin tagħha b'mod dirett, flimkien ma' l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom. Permezz tal-programm InvestEU, l-UE qed tipprovdni garanziji biex timmobilizza investimenti privati għall-ogħla prijaritajiet ta' politika bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-innovazzjoni u l-investimenti u l-ħiliet soċjali, kif ukoll appoġġ għall-SMEs. U l-JTF qed jgħin lir-reġjuni l-aktar milquta mit-tranżizzjoni ekoloġika biex jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom u joħolqu impjiegi ġodda. Kull strument għen biex jindirizza l-lakuni fil-finanzjament u l-ostakli tal-investment permezz tal-fokus u s-saħħiet tiegħu stess, filwaqt li s-sinerġiji qed isiru evidenti faċilment. Il-komplementarjetà tista' tidher fuq għadd ta' linji differenti, b'mod partikolari relatati man-natura tar-riformi, id-dimensjoni ġeografika tal-investimenti u ż-żmien, u tista' titrawwem permezz tal-appoġġ ipprovdut taħt it-TSI.

L-RRF tikkomplementa l-fondi tal-politika ta' koeżjoni b'riformi trasformattivi. Ir-riformi abilitanti jgħinu biex jitneħħew l-ostakli fl-investment u tiġi ffaċilitata u aċċellerata t-tnejja tal-investment tal-fondi nazzjonali u fil-livell tal-UE. Dan jinkludi r-riformi trasformattivi appoġġati f'kull pjan għall-irkupru u r-reżiljenza taħt l-RRF, flimkien mal-kundizzjonijiet abilitanti meħtieġa taħt il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni. Pereżempju, ir-riformi tal-RRF li jisfruttaw il-proċessi tal-ġoti ta' permessi għat-tranżizzjoni ekoloġika anki taħt l-umbrella tar-REPowerEU, itejbu d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u joħolqu klima li ma tagħmilx ħsara lill-investment billi jindirizzaw l-ostakli regolatorji, bħat-tnaqqis tal-burokrazija. Riformi estensivi tas-suq tax-xogħol fl-RRF, flimkien mal-kundizzjonijiet abilitanti fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni, spiss jindirizzaw sfidi strutturali li ilhom jeżistu, fejn jikkomplementaw l-investimenti pereżempju fil-ħiliet u l-protezzjoni soċjali. Fl-aħħar nett, il-fondi kollha jibbenefikaw minn dawk ir-riformi li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, bħal dawk li jindirizzaw il-korruzzjoni jew li jindirizzaw kwistjonijiet tal-istat tad-dritt.

Flimkien, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-investimenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiżguraw kopertura nazzjonali, reġjonali u lokali komprensiva, inkluż lil hinn mill-2026. Flimkien mal-politika ta' koeżjoni, l-implimentazzjoni tal-RRPs hija opportunità biex jiġu

²¹ Commission proposal for a Joint Employment Report 2024 - COM(2023) 904

²² Il-qafas ta' Konverġenza Soċjali ġie diskuss u żviluppat f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Ara <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9481-2023-INIT/mt/pdf>.

indirizzati oqsma differenti. Barra minn hekk, bl-iskeda ta' żmien itwal għall-implimentazzjoni tagħhom, il-programmi ta' koeżjoni se jkomplu jżommu l-momentum iġġenerat mill-RRF, u b'hekk jiżguraw livell għoli ta' investiment pubbliku u jingranaw l-investment privat fit-tul. Bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, l-Istati Membri għandhom l-opportunità li jirrieżaminaw il-programmi ta' koeżjoni li jallokaw il-fondi sabiex jindirizzaw dawk l-oqsma fejn hemm ħtiġijiet urġenti u sfidi emerġenti, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji.

Kaxxa 1. Eżempji ta' komplementarjetà bejn l-RRF u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027

- Fi **Spanja**, l-azzjoni kkombinata tal-RRP u tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni qed ittejjeb il-ġestjoni tal-ilma. L-RRP jintroduċi riforma li taġġorna l-Liġi dwar l-Ilma, ir-regolamenti tagħha u leġiżlazzjoni sekondarja oħra biex jiġi żgurat qafas legali li jgħin biex jissaħħu u jiżdiedu l-investimenti fis-settur tal-ġestjoni tal-ilma, filwaqt li l-politika ta' koeżjoni tiffinanzja dawk is-sistemi ta' ġestjoni tal-ilma, li jnaqqsu t-telf ta' riżorsi u jtejbu l-effiċjenza fis-sistemi ta' distribuzzjoni.
- Fil-**Kroazja**, l-RRP jappoġġa l-introduzzjoni ta' xift wieħed fl-iskejjel primarji kollha bħala l-bażi għall-introduzzjoni ta' mudell tal-iskola ta' ġurnata sħiħa. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jżidu b'mod sinifikanti ma' dan billi jiffinanzjaw diversi aspetti tal-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni primarja, inkluż billi jiffinanzjaw infrastruttura u tagħmir li jippermettu l-implimentazzjoni ta' mudell ta' skola ta' ġurnata sħiħa fl-iskejjel li diġà qed joperaw f'xift wieħed.
- L-RRP **Sloven** jinkludi riforma li se tagħmel it-trasport pubbliku tal-passiġġieri tas-Slovenja aktar effiċjenti billi tistabbilixxi entità ta' koordinazzjoni ġdida. Dan se jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-investimenti tal-politika ta' koeżjoni f'dan is-settur, bħall-aġġornament tal-ferroviji u l-appoġġ għal modi sostenibbli ta' trasport.

4. Karatteristiċi tas-Semestru Ewropew 2024

L-implimentazzjoni tal-RRPs u l-komplementarjetà ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE se jinkwadraw is-Semestru Ewropew fl-2024. Filwaqt li l-implimentazzjoni li għaddejja tal-RRPs se tkompli twettaq ir-riformi u l-investimenti, b'rispons għas-CSRs, dan iċ-ċiklu se jesplora wkoll kif l-azzjonijiet taħt l-RRPs jinteraġixxu ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE fil-kisba tal-għanijiet ta' politika komuni.

Ir-rapporti tal-pajjiżi u r-rieżamijiet fil-fond se jidentifikaw sfidi strutturali u emerġenti biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kompetittività f'kull Stat Membru. Ir-rapporti tal-pajjiżi tal-2024 se jinkludu evalwazzjoni tal-progress li sar lejn l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali inklużi l-miri tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet, l-edukazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar, u fl-indirizzar ta' firxa ta' ostakli għall-industrija li jfixklu t-tranżizzjonijiet doppji. Is-Semestru Ewropew se jkompli jkun mezz ewlieni għall-monitoraġġ u l-promozzjoni tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, anki f'kuntest ta' aktar attenzjoni għall-benesseri sostenibbli u inklużiv lil hinn mill-PDG.

Is-CSRs tal-2024 se jiffukaw fuq għażla limitata ta' sfidi u se jagħtu dettalji dwar il-ħtiġijiet ewlenin ta' investiment għar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni

2021–2027. Filwaqt li l-RRPs qed jiġu implimentati u żdiedu miżuri addizzjonali permezz tal-kapitoli tar-REPowerEU, l-isfidi ta' politika li fadal jew daww ġodda se jiġu identifikati fir-rapporti tal-pajjiżi u, fejn applikabbli, fil-kuntest ta' rieżamijiet fil-fond. Ir-rapporti tal-pajjiżi, flimkien mal-proposti għas-CSRs, se jiffurmaw il-pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2024 li għandu jiġi adottat f'Ġunju 2024. Iċ-ċiklu l-ġdid se jinforma wkoll ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni li jmiss.

L-involvement tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra se jkompli jkun fattur ewlieni. Kooperazzjoni mill-qrib hija vitali, u din hija miksuba permezz ta' laqgħat regolari fl-istadji ewlenin tas-Semestru u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-Istati Membri huma mhegħa jinvolve ruħhom b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili. Id-djalogu interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill se jkompli, filwaqt li jiżgura r-responsabbiltà demokratika u l-kollaborazzjoni dwar il-governanza ekonomika.

5. Konklużjoni

B'reazzjoni għal dinja li qed tinbidel, l-UE hija ddedikata għat-tisħiħ tal-kompetittività fit-tul tagħha permezz ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li tiżgura l-ġustizzja soċjali. Fil-qafas tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-impatti soċjali u ekonomiċi u tipproponi rakkomandazzjonijiet biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kompetittività ta' kull Stat Membru, filwaqt li jiġu promossi l-awtonomija strateġika miftuħa u t-tkabbir nett zero u tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, filwaqt li jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali. F'dan ir-rigward, iċ-ċiklu tal-2024 tas-Semestru Ewropew se jiffoka speċifikament fuq l-iżgurar u l-espansjoni tas-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn l-implimentazzjoni tal-RRPs u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jidentifika oqsma bi ħtiġijiet ulterjuri ta' investiment u riforma fil-livell nazzjonali u reġjonali.